MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 55/2003

General Distributors Limited .

VS

Victor Hili personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Victor Hili & Sons Limited .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet :

Illi hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' hamest'elef disa' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u disghin centezmu (Lm5,988.90), import ta' diversi fatturi relattivi ghal merkanzija mibjugha u konsenjata lill-istess konvenuti, kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok. GD 1 :

Illi s-socjeta' attrici hija wkoll kreditrici tal-konvenuti f'dak l-ammont li jirrapprezenta l-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja u fatturi relattivi ;

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu d-debitu taghhom izda baqghu inadempjenti ;

Illi l-imsemmi kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u ezigwibbli u, sa fejn jafu rapprezentant tas-socjeta' attrici, il-konvenuti m'ghandhom ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' din is-somma, kif jidher mill-affidavit ta' l-Avukat Dott. Philip Galea Farrugia hawn anness u mmarkat bhala Dok. GD 2 ;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta .

Talbet lill-konvenuti jew min minnhom jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti taghti sentenza u tilqa' t-talba ta' l-attur bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Proceduri Civili (Kap. 12) ; u

2. hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef disa' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u disghin centezmu (Lm5,988.90) fuq imsemmija, dovuta kif intqal fuq .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' April, 2003, u fl-imghaxijiet mid-data tal-konsenji rispettivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' attrici kkonfermata bil-gurament ta' Dr. Philip Galea Farrugia .

Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' dokument GD 1, prospett u dokument GD 2, affidavit ta' l-istess Dr. Philip Galea Farrugia.

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut proprio et nomine, illi saret fl-4 ta' Lulju, tas-sena elfejn u tlieta .

Rat in-nota ta' l-istess konvenut tal-lum stess li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici, stante transazzjoni bejn l-istess partijiet dwar modalita' fil-hlas tas-sorte .

Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' din l-ammissjoni tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenut sew personalment kif ukoll ghan-nom tas-socjeta' Victor Hili & Sons Limited, sabiex ihallas lill-konvenuti s-somma ta' hamest elef disa' mija tmienja u tmenin lira u disghin centezmu (Lm5,988.90) dovuti ghal merkanzija mibjugha u konsenjata kif jirrizulta mill-prospett anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala dokument GD 1 .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' April, 2003, u bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-konsenja rispettiva sad-data tal-pagament effettiv kollox kontra l-konvenut proprio et nomine .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------